

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* it-trade marks verbali u figurattivi mhux irregjistrati "BRIGHTON" u "Brighton", użati fil-kummerċ fir-Renju Unit, fl-Irlanda, fil-Ġermanja u fl-Italja fir-rigward ta' ċintorini; it-trade marks verbali u figurattivi magħrufa "BRIGHTON" u "Brighton", użati fil-kummerċ fir-Renju Unit, fl-Irlanda, fil-Ġermanja u fl-Italja fir-rigward ta' prodotti tal-ġilda, kpiepel, ġojjelli u arloġġi.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009 sa fejn il-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi meta kkonstata li d-drittijiet preċedenti li kienet ibbażata fuqhom l-oppożizzjoni ma kinux ġew ipprovati; ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009 sa fejn il-Bord tal-Appell eskluđa b'mod żbaljat il-probabbiltà ta' konfużjoni.

### **Rikors ippreżentat fit-8 ta' Settembru 2010 — National Lottery Commission vs UASI — Mediatek Italia u De Gregorio (Rappreżentazzjoni ta' id)**

**(Kawża T-404/10)**

(2010/C 328/55)

*Lingwa tar-rikors:* l-Ingliż

#### **Partijiet**

*Rikorrenti:* National Lottery Commission (Londra, Ir-Renju Unit)  
(rappreżentanti: B. Brandreth, Barrister)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Mediatek Italia Srl (Napoli, L-Italja), Giuseppe De Gregorio (Napoli, L-Italja)

#### **Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tad-9 ta' Ġunju 2010 fil-Każ R 1028/2009-1;

— tirrinviya l-każ quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* Trade mark figurattiva li tirrappreżenta

id b'saba mrikkieb fuq l-ieħor u wiċċ daħkani għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 16, 25, 28 u 41 — Reġistrazzjoni Komunitarja Nru 4800389

*Proprietarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* il-partijiet l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità:* il-partijiet li qed jitolbu d-dikjarazzjoni ta' invalidità bbażaw it-talbiet tagħhom fuq raġunijiet relattivi ta' invalidità skont l-Artikoli 53(1)(ċ) u 53(2)(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* trade mark Komunitarja ddikjarata invalida

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 53(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u tal-evalwazzjoni tal-fatti, u naqas milli jeżerċita s-setgħat investigattivi tiegħu. Ir-rikorrenti tqis ukoll li l-Bord tal-Appell naqas milli jeżerċita s-setgħat kollha tiegħu taħt l-Artikolu 78 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009.

### **Rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2010 — Yoshida Metal Industry vs UASI — Pi-Design et (wiċċ kopert bi ċrieki suwed)**

**(Kawża T-416/10)**

(2010/C 328/56)

*Lingwa tar-rikors:* l-Ingliż

#### **Partijiet**

*Rikorrenti:* Yoshida Metal Industry Co., Ltd (Niigata, il-Ġappun)  
(rappreżentanti: S. Vereaa, K. Muraro, M. Balestriero, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Pi-Design AG (Triengen, l-Isvizzera), Bodum France SA (Neuilly sur Seine, Franza), Bodum Logistics A/S (Billund, id-Danimarka)

**Talbiet tar-rikorrenzi**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-20 ta' Mejju 2010, fil-Każ R 1237/2008-1;
- tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, tal-15 ta' Lulju 2008, dwar l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 1 372 580;
- tikkonferma l-validità tar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 1 372 580;
- tikkundanna lill-konvenut u lill-partijiet l-oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark figurattiva li tirrappreżenta wiċċ kopert bi ċrieki suwed għal prodotti fil-klassijiet 8 u 21 — Reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 1 372 580

*Proprietarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenzi

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* il-partijiet l-oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell

*Dritt tat-trade mark tal-partijiet li qed jitlobu d-dikjarazzjoni ta' invalidità:* il-partijiet li qed jitlobu d-dikjarazzjoni ta' invalidità bbażaw it-talba tagħhom fuq raġunijiet assoluti għal rifjut skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja rrifjutata

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni kkontestata annullata u reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja ddikjarata invalida

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, billi l-Bord tal-Appell żbalja meta kkonkluda li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu huma applikabbli għat-trade mark Komunitarja kkontestata.

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Settembru 2010 — Václav Hrbek li jopera bl-isem BODY-HF vs UASI — The Outdoor Group (ALPINE PRO SPORTSWEAR & EQUIPMENT)**

(Kawża T-434/10)

(2010/C 328/57)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenz:* Václav Hrbek li jopera bl-isem BODY-HF (Praga, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: C. Jäger, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* The Outdoor Group Ltd (Northampton, ir-Renju Unit)

**Talbiet tar-rikorrenzi**

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tat-8 ta' Lulju 2010, fil-Każ R 1441/2009-2;
- tordna lill-konvenut jiċħad l-oppożizzjoni Nru B1276692 u jilqa' l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 5779351 fl-intier tagħha;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż; u
- tikkundanna lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż, inkluż dawk sostnuti mir-rikorrenz quddiem il-Bord tal-Appell u d-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, jekk hija tkun intervenjenti f'dawn il-proċedimenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenz.

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva Komunitarja "ALPINE PRO SPORTSWEAR & EQUIPMENT" għal prodotti fil-klassijiet 18, 24, 25 u 28 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 5779351

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjla invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* it-trade mark figurattiva Komunitarja "alpine" irreġistrata bin-Nru 2165017 għal prodotti fil-klassijiet 18 u 25